

# IS-SIWI TAL-OFFERTA LI GĦAMEL KRISTU MINN FUQ IS-SALIB (LHUD 10, 1-18)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Il-kliem li l-awtur tal-ittra lil-Lhud (10,1-18) juri sew il-qawwa kif ukoll is-siwi straordinarja tal-offerta li għamel Ġesù tiegħu nnifsu hemm fuq il-kalvarju. Din id-debħa serviet ta' bidla għal ħajjitna u għal dik tad-dinja! Ġesù l-ħaruf veru u immakulat imur 'il barra mill-ħitan



tal-belt b'mod l-aktar konxju u liberu. Imbagħad fl-istess ħin li fil-bitħa tat-tempju missier il-familja kien jiskarna l-ħaruf annimal biex jieklu flimkien mal-familja tiegħu għal dik il-festa tal-Għid. Spiċċaw għalhekk darb'għal dejjem il-figuri u s-simboliżmi u daħlet ir-realtà!

## Il-qawwa tad-debħa

Dan it-tip ta' qawwa qiegħed rivelat fl-Ittra lil-Lhud marbut mal-misteru ta' Kristu. Dan qiegħed f'kap 10 li fih is-sagrifiċċju ta' Kristu jiġi ppreżentat bħala l-intervent deċesiv li biddel mill-qiegħ is-sitwazzjoni reliġjuża tagħna lkoll. L-awtur joħroġ għad-dawl f'oppożizzjoni man-numru bla għadd ta' debħiet qodma li però dawn kollha baqgħu biss fuq livell superfiċjali u huma kollha bla siwi ta' xejn! Irwejjaħ jintnu ta' ħruq, demm jiġri u jċappas, għajjat tal-annimali waqt l-iskarnar tagħhom, tqaxxir tal-ġlud, flimkien ma' ċerti argumenti sħan li seta' jkollhom l-istess irġiel. Sa hawn kien jasal kollox. U sabiex dan kollu seta' jsir, fil-bitħa tal-qtil tat-

tempju kien hemm erbgħa u għoxrin ganċ sabiex jorbtu magħhom il-ħrief u jisolħuhom!

L-awtur jibda hekk: "Il-Liġi ta' Mosè, billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess ġid, lil dawk li jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena." (Lhud 10,1).

## Debħiet ta' tpattija

Ta' kull sena jiġu offruti lil Alla sagrifiċċji ta' tpattija (espjazzjoni), iżda billi dawn kienu ħaġa minn barra biss, ma kellhomx il-qawwa mixtieqa. Il-liġi ma kenitx kapaċi tasal sal-qalba tar-realtà, jiġifieri li tnaddaf il-kuxjenzi mid-dnub u twassal mill-ġdid il-vera paċi tal-qalb! Tibqa' biss ħaġa minn barra u dell tal-ħwejjeġ futuri.

L-awtur ikompli jfisser dan il-ħsieb hekk: "Għax kieku kien hekk, dawk li jagħtu l-kult lil Alla ma kinux forsi jwaqqfuhom dawn is-sagrifiċċji kieku kienu jħossu ruħhom bla dnubiet u mnaddfin minnhom darba għal dejjem?" (Lhud 10,2). La darba r-riżultat kien jintlaħaq, l-attività tas-sagrifiċċji kienet tieqaf darba għal dejjem! L-awtur ikompli jfisser: "Għall-kuntrarju, b'dawn l-istess sagrifiċċji ssir it-tifkira tad-dnubiet minn sena għal oħra." (Lhud 10,3). Għaliex kull darba li ssir xi debħa ta' maħfra lil Alla, din kienet tfakkar li l-bniedem dineb u dineb tassew. L-unika qawwa u indikazzjoni tas-sagrifiċċji antiki kienet dik li tfakkar il-poplu li kien midneb u li kellu l-bżonn ta' tpattija u waħda serja.

Issa billi din it-tpattija għad-dnubiet kienet issir bil-mezzi esterni biss – ħruq bla għadd ta' bhejjem – ma kellha ebda effett pożittiv ta' medjazzjoni ma' Alla u anqas ta' purifikazzjoni: "Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet" (Lhud 10,4). Dan



huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu.

Ir-raġunament dwar din il-verità huwa wieħed ċar ħafna: Id-demm ta' annimal skarnat u mbagħad maħruq fuq artal, dan il-ġest ma seta' qatt u qatt ikollu l-qawwa li jnaddaf il-kuxjenza tal-bniedem. Kienet iva prova, sforz ta' medjazzjoni imma kompletament mingħajr ebda riżultat pożittiv fuq ir-ruħ tal-bniedem. Ir-ruħ tal-bniedem hija spiritwali, mela riedu jkunu mezzi spiritwali biex inaddfuha minn kull ħtija.

## Iwarrab id-debħiet

Minħabba dan in-nuqqas ta' qawwa fuq il-kuxjenza, naraw li diġà fit-Testment il-Qadim insibu siltiet li fihom Alla jwarrab id-debħiet tal-annimali flimkien mas-sistema ta' għemejjel esterni u r-ritwali kollha . Hekk fis-salm 50, Alla b'mod ironiku jistaqsi: "Huwa jien se niekol laħam il-gniedes, jew nixrob id-demm tal-gidjien?" (Salm 50,13). Osservazzjoni preċiża u li torbot magħha verità sħiħa tassew.

L-istess ħsieb qawwi jġorr il-profeta Isaija: "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1,11). L-awtur tal-ittra jagħżel wieħed minn dawn it-testi li jirrappreżenta vantaġġ doppju. Dak li warrab kull forma ta' sagrifiċċju ritwali, u dak li jipproponi soluzzjoni tajba. Fis-salm 39 dak li jitlob jgħid lil Alla: "Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; imma widnejja inti ftaħtli; ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija. Mbagħad jien għedt: 'Hawn jien ġej, li nagħmel ir-rieda tiegħek'. B'hekk (Alla) neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni" (Lhud 10,9). Dan il-kliem tant huwa ċar u jiġbor fih veritajiet tas-sema, li l-Knisja taqrah fil-quddiesa tat-Tħabbira tal-Mulej, jiġifieri nhar il-25 ta' Marzu.



Hekk Alla warrab id-drawwiet antiki li kienu bla qawwa, ineffikaċi, u minn flokhom għamel l-offerta perfetta dik ta' ġismu stess. Hawn qiegħda d-differenza kollha bejn id-debħiet tat-Testment il-Qadim li kienu jsiru fil-maqdes ta' Ġerusalemm u l-offerta tiegħu stess fuq il-Kalvarju li saret darba waħda biss! Fil-fatt is-sistema qadima tneħħiet għalkollox. Dan għaliex fis-sena 70 W.K. it-tempju safa ħerba mir-Rumani, u issa l-Lhud ma għandhom imkien fejn jidbħu d-debħiet tagħhom lil Alla! F'din is-silta hekk għolja, wieħed jista' jammira l-imħabba ta' Kristu lejn il-Missier. Mħabba li tidher f'disponibiltà u ubbidjenza l-aktar perfetti, disponibiltà li kienet se ġġib magħha tant u tant tbatijiet.

## Kult indenn

Alla fuq din l-art ma sabx kult den u li tassew jixraqlu u jogħġbu! Huwa ma setax jilqa' s-sagrifiċċji ta' l-annimali; u dan għaliex ma kienx possibbli li d-demm tal-annimali skarnati jidħlu f'għaqda ma' Alla l-Missier u dan biex inaddfu l-kuxjenzi tal-bnedmin mid-dnub! Għalhekk Kristu wara li ra din is-sitwazzjoni miskina, iddeċieda li joffri lil Alla Missieru kult l-aktar perfett u għoli. Ix-xewqa qawwija li kellu Ġesù fil-qalb tiegħu kienet dik li Alla Missieru jiġi gglorifikat kif tassew jimmerita, jiġifieri li ssir il-volontà tal-Missier.

Ġesù ma marx ifittex xi debħiet esterni, ma talabx mezzi oħra quddiem din is-sitwazzjoni hekk nieqsa u imperfetta, imma offra lilu nnifsu stess. "'Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek'. B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin. Permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem." (Lhud 10,9-10). Minflok id-debħiet esterni, u materjali, Ġesù offra l-ħajja proprja tiegħu. L-ubbidjenza sħiħa tiegħu lejn il-Missier, kif hemm imfakkar fil-Vanġelu u f'kitbiet oħra: Sar mill-bidu sa l-aħħar il-vittma l-aktar pura, safja, u qaddisa li issa kapaċi tqaddes lill-oħrajn.

(i) Kienet din l-ewwel risposta fil-Vanġelu ta' Luqa u t-tweġiba li ta' lill-ommu meta kellu biss tnax-il sena. "Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri" (Lq 2,49).

(ii) Ġesù ġie biex jikkonsagra lilu nnifsu għall-qadi tal-Missier. "Għax jien nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni" (Ġw 6,38).

(iii) Hekk ukoll waqt l-agunija: "Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek u mhux tiegħi" (Lq 22,42).

Barra dan Ġesù fl-ubbidjenza tiegħu wera sentimenti għolja ħafna:
(i) l-ogħla mħabba lejn Alla Missier, kif ukoll (ii) l-imħabba erojka lejn il-bnedmin kollha tad-dinja. Din l-imħabba Kristu uriha bis-sottomissjoni sħiħa għall-volontà eterna li titlob is-sagrifiċċju tat-tixrid ta' demmu: "Jien imbagħad għedt: Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla (Lhud 10,7). Uriha b'mod sħiħ permezz tal-volontà tiegħu stess. "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux? (Ġw 18,11). Kienet ukoll waħda l-iktar umli, "ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt tas-salib" (Fil 2,8). Sa hawn waslet l-imħabba bla qies ta' Ġesù għalina l-bnedmin.

Hawn jidher għalhekk li r-rieda ta' Alla hija rieda ta' rebħa fuq il-ħażin u dan permezz tas-SALIB. Ġesù aċċetta din il-volontà, mhux le b'sempliċi rassenjazzjoni, imma b'xeħta ta' mħabba ta' iben. L-awtur imbagħad jitkellem mill-qawwa ta' din l-offerta ta' Ġesù; "Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem" (Lhud 10,10). Ogħla aktar minn daqshekk l-awtur ma setax juri lin-nies.